**QORTI ĊIVILI**

**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR.IMHALLEF**

**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar l-4 ta' Gunju 2025**

**Rik. Gur. Nru.: 87/2022JPG**

**Kawza Numru : 17**

**CG U ZG**

**Vs**

**BB**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' CG u ZG datat 27 ta' April 2022, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi r-rikorrenti CG u l-konvenuta BB kellhom relazzjoni bejniethom u minn din ir-relazzjoni nhar is-X twieled ir-rikorrenti ZG (**Dok. A**).*
2. *Illi permezz ta' sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appell nhar is-7 ta' Novembru, 2009, gie inter alia deċiż li r-rikorrenti CG kellu jhallas manteniment ghal ibnu r-rikorrenti ZG fis-somma ta' mitejn u hamsin Ewro (€250) kull xahar (**Dok. B**).*
3. *Illi minn Frar tas-sena 2020, ir-rikorrenti ZG beda jirrisjedi flimkien ma missieru r-rikorrenti CG.*
4. *Illi r-rikorrenti ZG ghalaq l-eta ta' (X) il-sena fis-27 ta' Jannar 2021;*
5. *Illi minn Frar tas-sena 2020, il-konvenuta naqset u ghadha inadempjenti fl-ghoti tal-manteniment ghal binha ZG anki minn qabel dan lahaq l-eta' maggorenni.*

**6.** *Illi ai termini tal-artikolu 3B, il-genituri ghandhom ikomplu jmantnu lill-uliedhom sal-eta' ta' tlieta u ghoxrin (23) sena meta dawn ikunu qeghdin isegwu kors ta' studju 'full time' u ma jkunx ragjonevolment possibbli ghalihom li jmantnu lilhom infushom kif xieraq;*

**7.** *Illi r-rikorrenti ZG jissodisfa dawn il-kriterji billi huwa qieghed jattendi kors full-time ġewwa l-Universita ta' Malta u cioe' Bachelor of Science (Honours) in Physiotherapy, u kif inghad preżentement jirrisjedi fid-dar ma' missieru CG li qieghed imantnih hu wahdu.*

**8.** *Illi ghalhekk din il-kawza qieghda ssir sabiex jiġi stabbilit l-obbligu tal-konvenuta bhala omm ir-rikorrenti ZG li tikkontribwixxi lejn il-manteniment tieghu.*

**9.** *Illi r-rikorrenti bdew poceduri ta' medjazzjoni ghal dan l-iskop pero' l-konvenuta injorat ghal kollox dan it-tentattiv u ghalhekk l-istess proċess inghalaq u rrikorrenti inghataw id-dritt li jintavolaw l-odjerna proċedura (**Dok C)***

**10.** *Illi kien minhabba f'hekk illi huma kellhom jaghmlu dawn il-proceduri.*

**11.** *Illi r-rikorrenti jafu b'dawn il-fatti personalment;*

***Ghaldaqstant, in vista tal-premess, l-atturi jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha:***

1. *Tiddikjara li l-konvenuta ghandha thallas il-konvenuta lir-rikorrenti CG mantenment ghal binhom ir-rikorrenti ZG mill-ewwel jum ta' Frar 2020 sas-27 ta' Jannar 2021.*
2. *Tillikwida l-ammont li ghandha thallas il-konvenuta lir-rikorrenti CG bhala manteniment ghal binhom ir-rikorrenti ZG mil-ewwel jum ta' Frar 2020 sas-27 ta' Jannar 2021.*
3. *Tikkundanna lill-konvenuta thallas lir-rikorrenti CG l-ammont hekk likwidat.*
4. *Tiddikjara li r-rikorrenti ZG ghandhu dritt ta' manteniment minghand il-genituri tieghu stante li jissodisfa il-kriterji stabbiliti mill-ligi.*
5. *Tiddikjara li l-konvenuta sal-lum ma kkontribiet xejn ghall-*

*manteniment ghal binha r-rikorrenti ZG minn mindu dan ghalaq tmintax il-sena.*

6. *Tiddikjara illi l-konvenuta hija responsabbli illi tikkontribwixxi ghall-manteniment ta' binha ZG.*
7. *Tillikwida l-ammont ta' manteniment dovut mill-konvenuta u tistabbilixxi il-modalitajiet kif dan ghandu jithallas u tistabbilixxi li ghandu jizdied skont l-gholi tal-hajja sakemm ZG jaghlaq l-eta ta' tlieta u ghoxrin sena jew jispicca mill-istudji tieghu full time, skont liema minn dawn l-eventwalitajiet tavvera ruha l-ewwel.*
8. *Tikkundanna lill-konvenuta thallas il-manteniment hekk likwidat, inkluzi l-arretrati ta' l-istess manteniment akkumulati u kalulat mis-27 ta' Jannar 2021, u cioe' minn mindu ZG ghalaq l-eta ta' X il-sena;*

*Bl-ispejjez, komprizi dawk inkorsi fil-proceduri ta' medjazzjoni kontra l-konvenuta illii hija minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat id-digriet taghha tal-5 t'April, 2022 (Vide Fol 18);

Rat illi l-atti tar-rikors promotur, id-dokumenti esebiti u d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta guramentata ta' BB datata 17 ta Gunju 2022, a fol 21 et seqq., li taqra hekk:

1. *Illi in linea preliminari ghandu jigi pprecisat li sa fejn taf l-esponenti r-rikorrenti ZG ma huwiex jippretendi li ommu l-esponenti thallas xi forma ta' manteniment ghaliex jaf u jirrikonoxxi li gia ghenitu u ghadha tghinu finanzjarjament kull meta ikollu bzonn. Ta min isemmi f'dan l-istadju li lura*

*fis-sena elfejn u hamsa (2005) ommu l- esponenti kienet permezz ta' kuntratt in atti tan-Nutar Dr. Antonie Agius datat 28 ta' Jannar 2005 isselfet l-ammont ta' LM 15,000 u sborsat LM 7,000 minn butha sabiex akkwistat ghal binha ZG l-fond 32 Triq Sta Katarina Birzebbugia (Dok A) fejn qed jirrisjedi l-istess ZG presenzjalment.*

2. *Illi ghalhekk huwa r-rikorrenti CG li qed jabita fil-fond ta' ibnu ZG u konsegwentment ghandu jikkumpensah ta' dan. Dana peressli l-istess ZG mar jabita hemm meta l-esponenti fi zmien il-pandemija kellha tmur ghal tlett gimghat il-Marokk peress li miet huha habta u sabta.*
3. *Illi l-proceduri odjerni nbdew permezz ta' ittra datata 11 ta' Frar 2021 u ghalhekk in pessimal ipotesi l-esponenti ma tistax tigi kkundannata thallas manteniment ghal perjodu li ppreceda dan.*
4. *Illi l-esponenti ghandha mezzi limitati hafna u problemi ta' sahha, kif ser jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza u di piu dejjem hallset kollox hi ghall-bzonnijiet ta' binha oltre l-€250 li kien jghaddilha r-rikorrenti mis-sena 2009 u ghalkemm disposta tibqba tghin lil binha kif l-ahjar tista, thoss li ma jkunx opportun fic-cirkostanzi li jigi ffissat manteniment mensili.*
5. *Illi in ogni caso fl-eventwalita' li din l-Onorabbli Qorti thoss li ghandu jigi ffissat manteniment mensili dan ghandu jithallas direttament lir-rikorrenti ZG stante li huwa pacifiku li dan illum huwa maggiorenni.*

Semghat ix-xhieda bil-gurament;

Rat id-dokumentazzjoni kollha;

Rat in-nota ta' CG datata 3 ta' Gunju 2008 (a fol 49);

Rat in-nota ta' BB datata 20 t' April 2023 (a fol 111);

Rat in-nota ta' BB datata 25 ta' Jannar 2024 (a fol 137);

Semghet it-trattazzjoni finali mill-avukati difensuri tal-partijiet;

**Konsiderazzjonijiet:**

Il-proceduri odjerni jittrattaw il-hlas ta’ manteniment ghal iben il-partijiet li ilum huwa maggorenni izda li ghadu qieghed jistudja fuq bazi *full-time.* L-attur jiddikjara illi meta din il-Qorti diversament preseduta ppronunzjat is-sentenza dwar is-separazzjoni personali tal-partijiet, iben il-partijiet kien ghadu minuri u kellu r-residenza primarja tieghu mal-konvenuta. Madanakollu, fis-sena 2020, ta’ sbatax (17)-il sena, iben il-partijiet biddel ir-residenza tieghu u beda jirrisjedi mal-attur Missier. Da parti taghha il-konvenuta tikkontesta dan u tghid illi filfatt huwa l-attur li qieghed jirrisjedi ma’ iben il-partijiet (ilum maggorenni) stante li l-fond li fih qieghdin jirrisjedu filfatt jappartjeni lill-iben il-partijiet, ZG.

L-attur, ta l-verzjoni tieghu quddiem din il-Qorti (a fol. 35). Inoltre hu pprezenta kopja ta’ dikjarazzjoni solenni (a fol. 50) li kien ipprezenta fil-proceduri ta’ firda personali tal-partijiet. F’tali dikjarazzjoni, l-attur kien iddikjara illi hu ltaqa’ mal-intimata hawn Malta minkejja li hi mhix ta’ nazzjonalita Maltija. Meta kienet marret tghix mieghu, huwa kien halsilha xi djun li kellha inkluz kont mahrug lilha mill-isptar tal-Gvern. Il-partijiet kellhom lit-tifel taghhom ZG u kienu jhaddmu attivita’ kummercjali flimkien li jbieghu prodotti waqt *car booth sales*. Jghid illi kien anke fetah kontijiet bankarji f’isimha, kemm ma’ banek lokali kif ukoll ma’ bank gewwa l-Marokk u ddepozita flejjes f’isimha. Kont minnhom kien f’isimha u f’isem binhom minuri u kien jiddepozita flus li ried jghaddi lill-ibnu kif ukoll il-beneficcji socjali mhalsa lill-genituri. Jiftakar illi fi Frar 2007 kienu qieghdin ibieghu flimkien meta l-intimata ltaqghet ma’ habib taghha Germaniz li kienet ilha ma tarah snin shah liema habib kien infurmaha li ma kienx ghadu ma’ martu. Wara tlett gimghat, l-intimata bdiet torqod separatament mill-attur, ma baqghux johorgu flimkien u nfurmatu li kienet qed tfittex appartament biex titlaq. Wara xi tlett xhur, dan l-istess habib beda jigbor lill-intimata u jwassalha lura wara numru ta’ sieghat.

Jghid illi f’Lulju  cjoe 2007 hija marret il-bahar mat-tfal taghha (tifla taghha biss u t-tifel wild il-partijiet) u minkejja li kien dahal il-hin baqghet ma rritornatx. L-attur beda jittenta jaghmel kuntatt maghha u mat-tifla taghha izda kien ghalxejn. Meta fl-ahhar kienu rritornaw, l-attur irrabbja maghhom ghall-attegjament muri lejh u l-intimata hadet

l-opportunita' biex titlaq mid-dar matrimonjali bl-affarijiet li diga kellha ippakjati u dan wara li sejhet lill-Pulizija.

Wara li telqet mid-dar, iben il-partijiet kien baqa' jirrisjedi mal-attur. Ghal diversi gimghat kienet tmur tigbru ghal ftit sieghat u terga' tirritornah sakemm f'Settembru 2007 kienet infurmat lill-attur permezz ta' messagg li t-tifel kien ser jibqa' maghha u ma kienetx ser thallih jarah. Permezz tal-proceduri ta' medjazzjoni kienu lahqu ftehim illi l-minuri jqatta' tmiem il-gimgha ma' missieru. Madanakollu, il-Qorti tal-Familja kienet ippronunzjat ordni li permezz taghha l-attur beda jara lill-ibnu darba fil-gimgha u darba fi tmiem il-gimgha b'mod alternat. L-attur kien sussegwentement intavola l-proceduri opportuni sabiex hu jigi fdat bil-kura u kustodja esklussiva ta' iben il-partijiet sabiex jekk kemm-il darba l-minuri jittiehed barra mill-pajjiz, huwa jkollu s-sahha jerga' jgibu lura.

Jghid illi sabiex kull wiehed mit-tfal tieghu jkollhom il- proprjeta' taghhom, f'Jannar 2005 il-kontendenti dehru fuq kuntratt sabiex il-fond li fih kienu jghixu l-partijiet waqt ir-relazzjoni taghhom jghaddi fuq iben il-partijiet. Peress li l-minuri kien ghadu minorenni, l-intimata dehret fuq il-kuntratt f'isem il-minuri. Minkejja li saret dikjarazzjoni illi l-intimata kienet ghaddiet somma ta' flus lill-attur ghal dan it-trasferiment, l-attur jghid li l-flus qatt ma ghaddew.

In kontroezami l-attur xehed illi iben il-partijiet mar jistudja barra minn Malta ghal tlett (3) xhur. Mistoqsi jekk kienx jikkontribwixxi ghall-bzonnijiet ta' ibnu waqt li kien hemm il-proceduri ta' separazzjoni personali, l-attur wiegeb illi hu dejjem ikkontribwixxa u dak iz-zmien kien ihallas l-istess ammont tal-manteniment izda fi flus kontanti. Kien anke jhallas ghall-uniformijiet tal-iskola ghaliex fil-fatt kien ikun hu li jmur jixtri din ma' ibnu. Madanakollu, huwa ma zammx ricevuti ta' dawn l-ispejjeż. Il-konvenuta qatt ma talbitu ihallas ghall- medicini.

Jghid illi l-fond ma qabadx u trasferrih fuq it-tifel mill-ewwel ghaliex bezgha li jduru kontrih it-tfal l-ohra li ghandu mill-ewwel zwieg peress li l-appartament li tahom kien trasferih fuq ommhom bl-intendiment li din tghaddih lilhom.

Sabiex jikkorobborra l-verzjoni tieghu, l-attur ressaq is-segwenti provi:

Kopja ta' kontroezami li kien sar lilu waqt seduta quddiem din il-Qorti diversament preseduta waqt il-proceduri ta' separazzjoni personali ta' bejn il-partijiet (fol. 37) u cjoe fl-20 ta' Frar 2009. Waqt tali seduta, l-attur xehed illi fis-sajf meta l-konvenuta kienet telqet mid-dar matrimonjali, il-minuri iben il-partijiet kien baqa' jirrisjedi mal-attur tant li peress li ma kellux skola, kien jiehdu mieghu l-ufficcju. Jghid illi hu kien ta proprjeta' lill-uliedu kollha u ghalhekk ried jghaddi proprjeta lill-ibnu mal-konvenuta wkoll. Ghalhekk kienu gew fi ftehim illi l-fond li ssemmi l-konvenuta fir-risposta guramentata taghha jghaddi fuq binhom.

**Johanna Bartolo**, in rapprezentanza tal-*Bank of Valletta p.l.c.* Hija prezentat rendikont ta' kont bankarju ntestat f'isem l-konvenuta li juri li matul is-snin il-konvenuta kellha bilanc minimu f'tali kont. Din il-Qorti tara illi mis-sena 2023 'il quddiem u cjoe minn meta l-konvenuta qalbet l-impjieg taghha ghal dak *part-time* hija bdiet taqla' salarju medju ta' elf euro (Eur1000) fix-xahar wara li tkun tnaqset it-taxxa.

**Lorraine Attard** in rapprezentanza tal-HSBC Bank Malta p.l.c. (fol. 56) li permezz taghha tghid illi l-intimata m'ghandix relazzjoni bankarja mal-bank rapprezentat.

**Louis Buhagiar**, in rapprezentanza ta' Jobsplus, (fol. 58) u pprezenta rendikont tal-impjiegi tal-konvenuta. Dan ir-rendikont juri illi l-konvenuta kienet tahdem fuq bazi *full-time* sa Frar 2023 u minn tali data hija qalbet fuq bazi *part-time* mal-istess socjeta'. Madanakollu minn Marzu 2022 hija tidher li ghandha wkoll xoghol ghal rasha fuq bazi *part-time* (fol. 25 separat mill-process). Fis-seduta tad-29 ta' Novembru 2022 l-istess xhud ipprezenta r-rendikont tal-impjieg tal-attur liema rendikont juri illi l-attur jinsab f'impjieg fiss ghal diversi snin (fol. 78).

**Romina Sammut** in rapprezentanza tal-Universita ta' Malta, (fol. 61), fejn ix-xhud ikkonfermat illi iben il-partijiet, ZG, qieghed jistudja fuq bazi *full-time* mal-Universita' ta' Malta. Huwa beda l-kors f'Ottubru 2021 liema kors huwa mifrux fuq perjodu ta' erba' (4) snin. Fid-data tat-testimonjanza iben il-partijiet kien fit-tieni sena tal-istudji tieghu. Ix-xhud ipprezentat ukoll rendikont tal-beneficcji maghrufa bhala stipendji li iben il-partijiet ircieva matul is-sena 2021-2022.

**PS2002, in rapprezentanza tal-Ghassa taz-Zejtun u l-Kummissarju tal-Pulizija** (a fol. 67), ipprezenta kopja ta' rapport li sar fl-10 ta' Frar 2020 mill-attur sabiex jiddokumenta l-fatt illi hu kien jghaddi manteniment ta' mitejn u hamsin euro (Eur250) lill-konvenuta. Dak ix-xahar hija siefret lejn il-Marokk u lil binhom minuri hallietlu biss hamsin euro (Eur50) biex jghaddi bihom. Ghalhekk l-attur kellu jaghtih aktar flus kontanti biex jghinu. Fl-1 ta' Marzu 2020, l-attur mar l-ghassa flimkien ma' ibnu biex jiddokumenta illi l-intimata kienet ghadha ma rritornatx ghalhekk il-manteniment ta' Marzu 2020 huwa kien qieghed jghaddih direttament lil ibnu.

**Rosanne Grech** in rapprezentanza ta' **G4S Security Services Ltd**. (a fol. 85), xehdet li s-socjeta' rapprezentata ilha thaddem lill-konvenuta sa mis-sena 2018 fuq bazi *full-time*. Ix-xhud ipprezentat kopja tal-FS3s tal-konvenuta ghas-snin bejn l-2018 u l-2021[1], kif ukoll kopja tal-ftehim li bih giet ingaggata l-konvenuta[2]. Dawn id-dokumenti juru illi l-konvenuta kellha introjtu qabel il-hlas tat-taxxa ta' tnejn u ghoxrin elf u sebgha u hamsin euro (Eur22,057) ghas-sena 2019, dhul globali ta' sittax-il elf mitejn u tnax-il euro (Eur16,212) ghas-sena 2020 u dhul qabel it-taxxa ta' ghoxrin elf, sitt mija tnejn u hamsin euro (Eur20,652) ghas-sena 2021 (fol. 72).

**ZG**, iben il-partijiet, (a fol. 98 et seq.) qal illi ghandu X sena u qieghed jistudja. Huwa dejjem ghex mal-genituri tieghu u minn Frar 2020 huwa beda jirrisjedi specifikament ma' missieru. Jghid illi ghamel zmien li ma kellux relazzjoni ma' missieru izda meta kompla bl-istudji tieghu post-sekondarji, huwa rega' beda relazzjoni ma' missieru. Beda jmur jistudja ghandu u meta jispicca mill-istudji fis-sieghat ta' filghodu, kien jibqa' rieqed ghandu. Fi Frar 2020, il-konvenuta kienet siefret ghal xahar u ghalhekk baqa' jirrisjedi ghand missieru. **Bhala stipendju, ix-xhud jircievi l-ammont ta' mija tmienja u sebghin euro (Eur178) kull erba' gimghat**. Jghid illi hu ha hsieb l-ispejjez ta' l-*isthestoscope* u l-uniformijiet li kellu bzonn jixtri ghall-istudji tieghu. Sejjer tajjeb hafna fl-istudji tieghu u barra li kien qieghed jistudja, huwa ha l-lezzjonijiet ghal sena u tlett (3) xhur u gab il-licenzja tas-sewqan. Jghid illi missieru jghinu billi jaghtih l-ammont ta' mitejn u hamsin euro (Eur250) f'idejh fix-xahar filwaqt li missieru jaghmel l-ispejjez kolla hu relatati mal-ikel u l-hajja. In kontroezami, ix-xhud jghid illi l-genituri

[1] Fol. 68 - 72
[2] Fol. 73 et seq.

tieghu jghidulu verzjonijiet differenti fuq id-dar li tappartjeni lilu, izda skont missieru, id-dar tappartjeni lilu u l-genituri tieghu li ghandhom d-dritt li jibqghu jirrisjedu fiha sal-mewt. Il-kuntratt ippubblikat qatt ma rah. Jikkonferma li meta kien jirrisjedi mal-konvenuta Omm, huwa kellu kompjuter li kienet xtratlu hi. Fil-prezent, il-konvenuta Omm kienet qed itih flus fl-okkazzjonijiet biss bhal Milied u gheluq sninu. Madanakollu meta kellu bzonn jixtri kompjuter iehor ghall-istudji tieghu terzjarji, il-konvenuta Omm ikkontribwiet fl-ammont ta' hames mitt euro **(Eur500**). Il-kumplament harighom l-attur.

**Dolores Pisani** (a fol. 120) stqarret li kienet taf lill-attur ghaliex kien joqghod hdejha u taf lill-konvenuta bhala martu. Tixhed illi l-attur kien talabha sabiex tidher fuq kuntratt sabiex ikun jista' jghaddi l-fond fl-istess triq taghha f'Birzebbugia fuq iben il-partijiet ZG. Tghid illi kellhom jaghmluh b'tali mod illi hija dehret minflok omm il-konvenuta stante li din kienet barra minn Malta. Meta mistoqsija fuq il-flus li hemm imsemmija fil-kuntratt, ix-xhud ikkonfermat illi l-ebda flejjes ma gew trasferiti mal-kuntratt, la kontanti u lanqas permezz ta' cekkijiet. Murija skrittura privata li allegatament kienet giet iffirmata qabel il-kuntratt li ghalih Pisani kienet xhud, fejn hemm dikjarat li omm il-konvenuta kienet qieghda tghaddi lill-konvenuta hmistax-il elf lira Maltin (Lm15,000), ix-xhud xehdet illi ma tiftakarx tali skrittura. Madanakollu tiftakar il-kuntratt li kienu ffirmaw gewwa l-Ufficju tan-Nutar Antoine Agius gewwa Hal Qormi. Tghid illi hija certa li dakinhar ma kienu ghaddew l-ebda flus bejn il-partijiet. Ix-xhud ma tafx ghalfejn kien hemm il-bzonn li tidher hi f'isem omm il-konvenuta stante li kien hemm diga skrittura privata bejn il-partijiet. Tghid illi hi qatt ma kienet dehret fuq kuntratti ohra u ghalhekk ma fehmitx ir-reperkussjonijiet li setgha kien hemm ghal fatt li kien hemm imnizzel mod mentri l-affarijiet kienu jidhru mod iehor. Tghid illi l-attur qatt ma kellimha fuq id-depozizzjoni li kienet qieghda taghti izda ta' spiss jghinha fix-xiri stante li hi ma tohrogx mid-dar ghax-xiri. Lill-attur ilha tafu ghal aktar minn tletin (30) sena. Meta sar il-kuntratt li fuqu xehdet, hija kienet anke zzomm lit-tifel tal-partijiet fil-kura taghha u kellha relazzjoni tajba maz-zewg partijiet.

Min-naha taghha, il-konvenuta xehdet permezz ta' affidavit (a fol. 138). Tghid illi kienet iltaqghet mal-attur wara li maret fl-ufficcju tieghu biex isolvi problema li kellha. Wara numru ta' xhur marret tghix mieghu gewwa Birzebbugia. Kien post zghir immens

b'kamra wahda tas-sodda u ma kienx konvenjenti ghal aktar minn persuna wahda biex tirrisjedi fih. Kienu marru jghixu fil-kiri sabiex kabbru dan il-fond biex jirrisjedu fih b'mod komdu. Kien f'dan il-perjodu li kienet harget tqila bit-tifel, iben il-partijiet. Tixhed illi l-paga taghha kienet tmur ghand l-attur u l-attur kien jghaddilha somma kull gimgha biex tixtri l-bzonnijiet tal-familja. Hu kien ihallas il-kontijiet tal-utilitajiet. Tghid illi kellha bizgha li jekk jigrilu xi haga l-attur, uliedu mill-ewwel zwieg kienu jkeccuha mir-residenza ta' l-attur bit-tfal b'kollox. Ghalhekk kienu ftehmu li hi tixtri l-post minghandu bil-patt u l-kundizzjoni li l-istess fond tghaddi lil binhom ZG b'titlu ta' donazzjoni. Il-konvenuta tispjega illi hi kellha sebat elef liri Maltin (Lm7000) mizmuma mill-attur liema somma tnaqset mill-ammont li pretenda sabiex ittrasferixxa l-fond. Il-kumplament tas-somma ghal prezz kienet selfithomlha ommha.

Tghid illi l-attur kien xhih maghha u kienet iddejqet taht il-kontrol tieghu. F'Settembru 2007 kienet nizlet il-bajja ma' uliedha u l-attur kien nizel ifittixha u ghamlilha xenata quddiem in-nies. Kienu l-girien stess li kienu haduha l-ghassa biex taghmel rapport fil-konfront tieghu u wahda minnhom kienet laqghetha ghandha biex b'hekk ma regghetx marret lura. Wara li telqet mid-dar matrimonjali, l-attur irrifjuta li jghaddilha flus ghall-bzonnijiet ta' binhom minuri minkejja li kien ser jibda l-iskola. Kienu ntavolaw il-proceduri opportuni, hi biex titlob manteniment u hu biex jitlob li jkun vestit bil-kura u kustodja tal-minuri. Matul is-snin tal-proceduri, l-attur qatt ma hallas manteniment ghall-minuri ibnu. Wara tlett (3) snin kellha sentenza u l-attur beda jhallasha manteniment fl-ammont ta' mitejn u hamsin euro (Eru250) fix-xahar.

Sa ma t-tifel ghalaq it-tmintax (18)-il sena, huwa kien jirrisjedi mal-konvenuta u l-attur kien ihallas biss il-manteniment. Meta kienet titolbu l-ispejjez relatati mas-sahha u l-edukazzjoni kien jaghmel xenata tant li fl-ahhar kienet qatghet qalbha u ma baqghetx isaqsih.

Minkejja l-kuntratt li permezz tieghu l-fond gewwa Birzebbugia ghadda fuq iben il-partijiet, l-attur kien baqa' jirrisjedi fih. Fi Frar 2020 kien miet hu l-konvenuta u hi kienet marret lura pajjizha biex tattendi l-funeral tieghu. Matul dan iz-zmien, l-attur kien stieden lill-iben il-partijiet imur joqghod ghandu sabiex ma jkunx wahdu. Meta rritornat, iben il-partijiet infurmaha li kien ser jibqa' jirrisjedi ma' missieru. Gieli johorgu flimkien u tipprova illi mqar darba fix-xahar jew fl-okkazzjonijiet li jigu, hija

ttih xi haga tal-flus. Fl-ahhar mill-ahhar it-tifel ghandu fond ta' residenza lesta ghalih bis-sahha tas-self li hi hadet u halset lill-attur.

Tghid illi minhabba problema ta' sahha li hargitilha f'saqajha, hija kellha tbiddel ix-xoghol taghha ghal wiehed fuq bazi *part-time*. Minn barra dan, hija llum regghet izzewget u flimkien mal-konjugi taghha ghandha self iehor xi thallas skont kuntratt li gie ezebit in atti ghal fond gewwa l-Hamrun. Ghadha wkoll qieghda thallas lill-ommha ghas-self li kienet hadet biex xtrat il-fond li ghadda fuq binha madanakollu fil-pagna precedent tal-affidavit taghha hija stqarret ukoll illi hija kienet halset lura l-flus li kienet tatha ommha[3].

Tghid illi hija ghandha mezzi limitati u ghalhekk m'ghandhiex biex tghin lil binha izda fuq kollox ghinitu bizzejjed meta xtratlu l-post minghand l-attur. Huwa l-attur li ghandu jghinu stante li qieghed jirrisjedi f'post li mhux tieghu u dan minghajr ebda kirja.

In kontroezami, l-konvenuta tghid illi l-post gewwa Birzebbugia kien fih zewg sulari meta marret tghix fih mal-attur u bintha u waqt ir-relazzjoni taghhom telghu t-tielet sular.

Mistoqsija fuq l-flus li kellha ghand l-attur sakemm kienu flimkien, il-konvenuta wiegbet illi t-tnejn kienu jahdmu imma kienu jzommu but wiehed. L-ammont kienet tafu ghax kienet taf kemm kienet taqla' mix-xoghol taghha mad-*Dold Industrial Automation* kif ukoll mill-*car booth sales* li kienu jorganizzaw. Mistoqsija kif u meta halset lill-ommha, il-konvenuta wiegbet illi tghaddilha l-flus kull darba li tmur taraha l-Marokk u ma tihux il-flus ta' kirjiet ta' postijiet li ghandhom hekk bhala tpaccija mal-ammont li trid thallas hi. Tghid illi f'okkazzjonijiet ta' Milied u gheluq snin binha, hija taghtu ammont ta' madwar mitejn euro (Eur200).

Il-konvenuta xehdet ukoll quddiem din il-Qorti waqt is-seduta ta' nhar is-27 ta' Mejju 2024 (fol. 161A) u pprezentat FS3 ghas-sena 2023 liema document juri dhul globali qabel it-taxxa ta' erbatax-il elf, tlett mija sebgha u hamsin euro (Eur14, 357)[4]. Il-

---

[3] Vide fol. 139
[4] Vide fol. 162

konvenuta ipprezentat ukoll kopja ta' self li ghandha flimkien mar-ragel taghha sabiex jithalsu panelli solari.

Din il-Qorti ezaminat il-kopja tal-kuntratt ippubblikat fl-atti tan-Nutar Dottor Antoine Agius nhar it-tmienja u ghoxrin (28) ta' Jannar tas-sena elfejn u hamsa (2005) (fol. 23) li permezz tieghu l-konvenuta rceviet f'isem binha donazzjoni fl-ammont ta' hmistax-il elf Lira Maltin (Lm15,000) liema ammont gie mghoddi sabiex jithallas part mill-prezz li bih kien qieghed jinxtara fond fuq l-istess kuntratt. Il-bejgh imsemmi aktar 'l isfel fil-kuntratt kien jinvolvi t-trasferiment ta' sehem l-attur ghand il-konvenuta (li dehret fuq il-kuntratt f'isem binha) madanakollu l-istess fond baqa' suggett ghall-piz li l-ġenituri ta' iben il-partijiet jibqghu jgawdu dritt ta' abitazzjoni fih matul hajjithom. Dan il-bejgh kien qieghed isir stante li l-fond kien gie assenjat lilu waqt is-separazzjoni personali tal-partijiet.

Waqt is-seduta ta' nhar id-29 ta' Marzu 2023, il-partijiet qablu bejniethom illi tigi ntavolata kopja tal-kuntratt tal-akkwist tal-fond "hamsa u ghoxrin (25) gja tlettax (13) gja disa' u tletin (39) fi Triq Pawlu Burlo qabel Vitale Street, Hamrun"

**Ikkonsidrat:**

**Prinċipji legali saljenti għal każ odjern:**

Il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-artikolu 7(1) tal-Kodiċi Ċivili li jipprovdi:

> ***"Il-genituri ghandhom l-obbligu li jiehdu hsieb, imantnu, jgħallmu u jedukaw lil uliedhom bil-mod stabbilit fl-artikolu 3B ta' dan il-Kodici."***

Kif jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-Ligi, il-genituri ghandhom l-istess obbligu versu l-ulied tagħhom, u b'hekk iz-zewg genituri ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-ulied. L-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied huwa kull wiehed skond il-mezzi tieghu, ikkalkulati skont il-bżonnijiet tal-artikolu 20 tal-Kodici Civili.

L-artikolu 20 tal-Kodiċi Ċivili jipprovdi illi:

> ***(1) Il-manteniment għandu jingħata skont il-bżonn ta' min jitolbu u l-mezzi ta' min għandu jagħtih.***
>
> ***(2) Fl-istħarriġa sabiex jinsab jekk min jitlob il-manteniment jistax jaqalgħu xort' oħra, għandu jittieħed qies ukoll tal-ħila tiegħu fl- eżerċizzju ta' xi professjoni, arti jew sengħa.***
>
> ***(3) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min hu obbligat għall-manteniment, għandu jingħad biss il-qliegħ tiegħu mix-xogħol tal-professjoni, arti jew sengħa, is-salarju jew il-pensjoni tiegħu mogħtija mill-Gvern jew minn ħaddiehor, u tal-utli tal-beni, sew mobbli u kemm immobbli u kull dħul li jinħoloq taħt trust.***
>
> ***(4) Ma jitqiesx li għandu mezzi biżżejjed biex jagħti l-manteniment min ma jistax jagħtih ħlief billi jilqa' f'daru l-persuna li titlob dak il- manteniment, jekk din il-persuna ma tkunx axxendent jew dixxendent.***
>
> ***(5) Meta jitqiesu l-mezzi ta' min jitlob il-manteniment, għandu jittieħed qies ukoll ta' kemm jiswew il-beni tieghu mobbli jew immobbli kif ukoll ta' kul interess beneficcju taht trust.***

Kif ritenut fil-gurisprudenza:

> ***...........Il-Qorti dejjem irriteniet illi l-ġenituri ma jistgħux jabdikaw mir-responsabilita` tagħhom li jmantnu lil uliedhom materjalment, hu kemm hu l-introjtu tagħhom. Dejjem kienet tal-fehma illi kull ġenitur għandu l-obbligu li jmantni lil uliedu anke jekk il-mezzi tiegħu huma baxxi jew jinsab diżokkupat. Il-Qorti ma tista qatt taċċetta li persuna ġġib it-tfal fid-dinja u titlaq kull responsabbilta` tagħhom fuq il-ġenitur l-iehor jew inkella fuq l-***

***istat." (Ara Tiziana Caruana vs Redent Muscat (272/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti***

***Ċivili fl-24 ta' Ġunju 2019; Liza Spiteri vs Luke Farrugia (219/2018) deċiża mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2019).***

Fil-każ Portelli Jennifer pro et noe vs Portelli John (Rik. Nru. 2668/1996) deciz mill-Prim' Awla Qorti Ċivili fit-2 ta' Ottubru 2003, inghad hekk:

***"......l-obbligu taż-żewg ġenituri lejn l-ulied jibqa' bażikament l-istess dettat kull wieħed skont il-mezzi tiegħu, ikkalkulati skont id- dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kap u l-bżonnijiet tal-minuri, u fl-interess tal-istess minuri."***

Relevanti wkoll huwa dak li ingħad fis-sentenza fl-ismijiet ***Marina Galea vs Mario Galea*** deċiża mill-**Qorti tal-Appell** fil-31 ta' Jannar 2019:

***"Il-manteniment tat-tfal, fil-verita` izjed milli dritt tal-ġenitur li qed irabbihom, huwa dritt tat-tfal minuri li ma jisfawx mċaħħdin minn dawk l-affarijiet li d- dinja tal-lum tikkunsidra bħala neċessita` għall-edukazzjoni u għall-iżvilupp tagħhom."***

Din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza tal-**Qorti tal-Appell fl-ismijiet Saviour Zahra vs Maria Antoinette Zahra** f'isimha proprja u bhala kuratrici ad litem ghal bintha minuri deciza nhar it-13 ta' Lulju 2001 (Cit Nru 1380/97) fejn il-Qorti tal-Appell irriteniet kif gej:

***Inoltre waqt li wiehed jifhem li "l-esigenzi" kienu jirrigwardaw u jikkoncernaw biss in-nukliju familjari milqut mill-kuntratt ta' separazzjoni u tal-ebda relazzjoni extra-maritali li l-attur joghgbu, kif jidher provat, li jistabbilixxi, ghandu wkoll ikun car illi l-frazi "l-impjieg jintemm" kienet tirreferi ghal cirkustanzi li jkunu indipendenti mill-volonta' tal-kontraenti. Altrimenti jkun facli u inikwu illi parti wahda mill-kontraenti, b'azzjoni***

***unlaterali bla gustifikazzjoni, tbiddel ic-cirkustanzi li fihom u dwarhom ikun intlahaq ftehim dwar il-manteniment u l-quantum dovut.***

[…]

***Din il-Qorti ttemm tghid biss illi hu prevedibbli, ghax bhala regola hekk jigri u jsir illi min ikun fis-sitwazzjoni li gab ruhu fiha l-attur appellant jibda jilmenta mill-piz tal-manteniment ghall-familja regolari tieghu ghax isib ruhu ma jistax ilahhaq mal-ispejjez li tkun qed timportalu r-relazzjoni rregolari tieghu. Naturalment pero' filwaqt li kulhadd hu liberu li jaghzel kif jirregola hajtu dan ma setax jaghmlu a skapitu tar-responsabbilitajiet li wiehed kellu versu dawk li skond il-ligi kienu jiddependu minnu.***

[…]

***r-retta alimentari kellha tigi determinata fuq dak li l-attur obbligat kien kapaci jaqla' f'xoghol utili f'Malta skond il-professjoni jew sengha tieghu.***

Fl-ahhar net, taghmel referenza wkoll ghas-sentenza fl-ismijiet **Maria Kristina Pace vs Michael Oluwafemi Tewogbola Ref 149/2018AL** li fiha din il-Qorti diversament preseduta rriteniet kif isegwi:

***Fir-rigward ta' manteniment, il-principju legali tal-manteniment tal-ulied huwa msejjes fuq l-Artikolu 7(1) tal-Kodici Civili li jaghmel referenza ghall-Artikolu 3B, hawn fuq citati. Ghalhekk abbazi tal-premess, jirrizulta mid-dispozizzjonijiet tal-ligi, li l-genituri kollha, cjoe mizzewgin, separate jew single-parents, ghandhom l-istess obbligi versu uliedhom, u ghalhekk it-tnejn li huma ghandhom jikkontribwixxu ghat-trobbija tal-istess. Il-Qorti tfakkar illi l-manteniment ma huwiex marbut ma' xi impjieg jew introjtu partikolari izda huwa obbligu assolut. Ghaldaqstant, kull genitur ghandu jipprovdi sabiex jassigura li uliedu ghandhom manteniment adegwat li ai termini tal-Artikolu 19 subinciz 1 u 2 tal-Kodici Civili ghandu jkopri l-ikel, ilbies, sahha, abitazzjoni u spejjez relatati mal-istess sahha u edukazzjoni.***

***Il-Qorti tenfasizza illi l-obbligu taz-zewg genituri lejn l-ulied jibqa' l-istess fi kwalsiasi sitwazzjoni tal-hajja, liema obbligu jkun dettat skont il-mezzi tieghu, ikkalkulati skond id-dispozizzjonijiet tal-Artikolu 20 tal-istess Kodici Civili, u l-bzonnijiet tal-istess minuri. Ikkonfermat li l-genituri jridu jiehdu hsieb, imantnu, jghallmu u jedukaw lil uliedhom, il-Qorti ghandha l-obbligu li tqis li kull genitur jikkontribwixxi skont il-mezzi rispettivi tieghu u l-bzonnijiet tal-istess minuri.***

**Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:**

Din il-Qorti ghandha quddiemha talba da parti tal-attur Missier u l-attur iben sabiex il-konvenuta Omm tigi ordnata thallas manteniment ghall-bzonnijiet tal-iben sa minn Frar 2020 meta iben il-partijiet biddel ir-residenza tieghu u mar joqghod mal-attur Missier. Min-naha taghha, il-konvenuta Omm toggezzjona ghal din it-talba minhabba primarjament il-fatt illi hi kienet allegatament iddejnet sabiex xtrat il-fond minghand l-attur liema fond trasferixxiet ghal fuq binha u dan sabiex binha ghandu issa residenza f'ismu anke jekk l-attur ghadu qieghed jirrisjedi fl-istess fond minhabba dritt ta' abitazzjoni moghti lilu *vita durante.* Ghalhekk il-premessa tal-konvenuta hija illi halset il-manteniment ghal binha permezz tal-*lump sum* meta ghamlet dan l-investiment ghal binha.

Din il-Qorti tqis li l-oggezzjoni tal-konvenuta mhiex wahda sostenibbli u dan ghas-segwenti ragunijiet; (i) l-allegat self, xiri u trasferiment tal-fond ghal iben il-partijiet sehh fis-sena 2005 skont il-kuntratt ezebit in atti mentri l-obbligu tal-konvenuta ghall-hlas ta' manteniment ghal binha skatta minn Frar 2020 u ghalhekk hmistax (15)-il sena wara tali kuntratt. Meta l-partijiet dehru fuq il-kuntratt ta' trasferiment in atti tan-Nutar Dr Antoine Agius, il-minuri kien qieghed jirrisjedi mal-konvenuta u l-partijiet kienu ghadhom ghaddejjin bil-proceduri ta' firda personali quddiem il-Qorti. Ghalhekk ma kien hemm l-ebda intenzjoni da parti tal-konvenuta illi tali investiment ikun meqjus ukoll bhala manteniment *lump sum* da parti taghha ghal binha. Ghalhekk dan l-argument ma jreggiex.

Inoltre il-provi mresqa quddiem din il-Qorti jixhtu dell fuq il-veracita' tal-kuntratt hawn imsemmi. Mhux kompitu ta' din il-Qorti illi tidhol fil-mertu tal-veracita' tal-kuntratt li

gie puublikkat bejn il-partijiet fis-sena 2005 kemm ghaliex ma hemm l-ebda talba mressqa quddiemha ta' dan it-tip, kif ukoll minhabba l-kompetenza ta' din il-Qorti kif stipulat fil-ligi. Minkejja dan, din il-Qorti tinnota illi l-attur jghid illi l-kuntratt ma jirrispekjax il-verita' stante li minkejja dak stipulat, mhux minnu illi l-konvenuta halset xi tip ta' flus lilu ghal tali trasferiment. L-attur jikkontendi illi t-trasferiment ried jaghmlu hu minhabba t-tfal l-ohra tieghu mill-ewwel zwieg. Min-naha l-ohra l-konvenuta tikkontendi illi halset l-ammonti hemm dikjarati u anke sselfet il-flus minghand ommha u dan ghamlitu ghaliex ma ridetx li l-attur jigrilu xi haga u iben il-partijiet jigi mkecci minn daru minn ulied l-attur il-kbar.

Din il-Qorti tqis li hadd mill-partijiet ma kkorrobera l-verzjoni tieghu. L-attur ressaq ix-xhieda ta' Doris Pisani izda din ix-xhud mhix kredibbli stante li tiftakar biss dak li kien favorevoli ghall-attur waqt li, kwalunkwe mistoqsija ohra li saritilha ma kienitx taf twegibha. Min-naha tal-konvenuta, tghid illi l-flus lill-ommha halsithom lura kull meta maret taraha gewwa l-Marokk madanakollu l-kont bankarju tal-konvenuta ma juri l-ebda tehid ta' fondi f'ammonti li jistghu jkunu indikattivi ghal din id-dikjarazzjoni. Dan oltre ghal kuntradizzjoni tal-konvenuta meta fl-affidavit taghha ssostni illi ghadha qieghda thallas lill-ommha u fl-istess hin issostni li minhabba l-problemi ta' sahhet ommha, din ma tridx il-flus lura.

Ghar-ragunijiet kollha ndikati, din il-Qorti sejra tasal ghad-decizjoni taghha dwar il-manteniment tal-wild indipendentement mill-kuntratt iffirmat fis-sena 2005.

Din il-Qorti tqis illi d-dispozizzjoni tal-ligi taghmilha car illi kull genitur irid jikkontribwixxi skont il-mezzi (mhux l-introjtu) tieghu ghall- bzonnijiet tal-wild tieghu. M'hemmx kontestazzjoni mill-partijiet illi iben il-partijiet mar jirrisjedi mal-attur minn Frar 2020, illi minkejja li ghalaq l-eta' maggorenni huwa ghadu jistudja fuq bazi *full-time* ghaliex qed isegwi kors ta' erba' (4) snin gewwa l-Universita' ta' Malta. M'hemmx kontestazzjoni illi l-ispejjez tal-hajja tal-minuri u l-kontijiet tal-utilita' tar-residenza tal-istess wild qed jithalsu mill-attur. L-attur ihallas l-ammont ta' mitejn u hamsin euro (Eur250) fix-xahar direttament lill-ibnu sabiex dan, flimkien mal-istipendju tieghu, jutilizzahom bhala *pocket money*. Da parti taghha l-konvenuta tghaddi xi ammonti ta' flus kontanti f'okkazzjoni bhala Milied, gheluq snin il-wild u l-

Ghid il-Kbir. Tali ammonti ivarjaw u huma rigali li huma dipendenti totalment fuq il-volonta' tal-konvenuta u mhux manteniment regolari.

Ghall-eccezzjoni mressqa mill-konvenuta dwar minn meta skatta l-obbligu taghha li thallas manteniment ghal binha, din il-Qorti tikkondividi mat-tezi tal-attur li l-obbligu tal-manteniment johrog mil-ligi u huwa obbligu assolut fuq kull genitur, independentement minn meta gew intavolati l-proceduri odjerni. Ghalhekk din il-Qorti taqbel mal-attur illi l-obbligu ghall-manteniment skatta fi Frar 2020.

Jonqos illi din il-Qorti tittratta l-*quantum* tal-manteniment li huwa dipendenti fuq il-mezzi tal-genitur li jrid ihallas u fuq il-bzonnijiet tal-istess minuri. Fir-rigward tal-bzonnijiet, ma gie pprezentat l-ebda prospett tal-ispejjez relatati mal-wild il-partijiet izda giet imressqa prova illi iben il-partijiet jircievi assistenza socjali u cjoe **l-istipendju mill-Gvern.** Dan huwa ta' ghajnuna ghall-istudent u mhux intiz bl-ebda mod illi jissostitwixxi l-manteniment tal-genitur izda l-istipendju ghandu jittiehed in konsiderazzjoni meta l-Qorti qed tevalwa  l-htigijiet tal-minuri. Da parti taghha, il-konvenuta tghid illi minhabba kundizzjoni medika f'saqajha kellha tvarja x-xoghol taghha u tibda tahdem fuq bazi *part-time*. Il-Qorti rat pero illi mis-sena 2022 il-konvenuta kienet tiggestixxi negozju taghha fuq bazi ta' *self-employed* kif imbaghad irrizulta mid-dokumentazzjoni ezebita mir-rapprezentant tal-Jobsplus. Il-konvenuta sostniet ukoll li l-mezzi  taghha huma batuti wkoll il-ghaliex ghandha wkoll self iehor ma' zewgha relatat mar-residenza taghhom gewwa l-Hamrun kif ukoll mal-installar ta' panelli solari fl-istess residenza. Il-konvenuta stess xehdet li aparti l-introjtu taghha hija ghandha wkoll sehem f'kirjiet ta' proprjetajiet gewwa l-Marokk li kienet irrinunzjat ghal tali sehem sabiex isir tpacija mas-self taghha m'ommha.

Fl-ahharnett, din il-Qorti tindirizza l-ilment tal-konvenuta illi m'ghandhiex tigi ordnata thallas manteniment ghaliex matul is-snin li binha kien jirrisjedi maghha, l-attur ma kienx ihallas sehmu mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni ta' binhom. Din il-Qorti tqis illi xejn ma mpedixxa lill-konvenuta milli tintavola l-proceduri opportuni kontra l-attur sabiex igielghu jhallas tali ammonti u ghalhekk dan ma jistax jiggustifika inadempjenza da parti taghha fil-hlas ta' manteniment. Inoltre siccome din il-Qorti m'ghandhiex

quddiemha kontro-talba specifika tal-intimata ghall-hlas ta' arretrati tas-sehem tal-attur mill-ispejjez ta' sahha, edukazzjoni, attivita extra-kurrikulari sborzati minnha ghal binha ZG, din il-Qorti ma tistax tiehu konjizzjoni ta' tali pretiza. Illi fic-cirkostanzi kollha fuq indikati mehud in konsiderazzjoni d-dhul tal-intimata, l-kundizzjoni ta' sahha taghha, il-htigijiet ta' ZG, mifhum illi l-missier gja jakkorda lil ZG mitejn u hamsin Euro (€250)  fix-xahar bhala *pocket money* u l-fatt li ZG qed jiehu stipendju ta' 178 Euro fix-xahar li kull sena jawmenta, il-Qorti tiffissa l-manteniment mensili ghal ZG f'ammont ta' 200 Euro li jkopri sehem l-intimata mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u attivita extra-kurrikulari tal-istess ZG.

**Ghal dawn il-motivi, din il-Qorti tghaddi sabiex taqta' u tiddeciedi r-rikors guramentat tal-atturi CG u ZG datat 27 ta' April 2022 billi:**

1) **Tilqa' l-ewwel talba u tordna lill-konvenuta thallas lir-rikorrenti CG manteniment ghal binhom ir-rikorrenti ZG mill-ewwel jum ta' Frar 2020 sas-27 ta' Jannar 2021;**

2) **Tilqa' t-tieni talba u tordna li l-konvenuta ghandha thallas l-ammont ta' mitejn  (Eur200) fix-xahar ghal binhom, ir-rikorrenti ZG;**

3) **Tilqa' t-tielet talba u tikkundanna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' elfejn u mitejn euro (Eur2200) rapprezentanti mitejn euro (Eur200) ghal kull xahar bejn Frar 2020 u Jannar 2021;**

4) **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tar-raba (4), hames (5) u sitt (6) -il talba in vista tad-decide 1,2,3;**

5) **Tilqa' s-seba' talba u tordna lill-konvenuta thallas l-ammont ta' mitejn euro (Eur200) ghal kull xahar minn Jannar 2021 'il quddiem direttament lil ZG liema manteniment ghandu jkompli jithallas kull l-ewwel (1) jum tax-xahar billi jigi depozitat f'kont bankarju ntestat f'isem ZG. Tali manteniment irid jibqa' jithallas sa ma' ZG jaghlaq l-eta' ta' tlieta u**

**ghoxrin (23) sena jew sakemm itemm l-istudji *full-time* tieghu, skont liema minn kundizzjoni tavvera ruhha l-ewwel. Il-manteniment ta' mitejn Euro (€200) fix-xahar ikopri sehem l-intimata mill-ispejjez ta' sahha u edukazzjoni u attivita' extra-kurrikulari ta' ZG;**

6) **Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-tmien (8) -il talba in vista tad-decide numru 7 u numru 3;**

**Bl-ispejjez kontra l-konvenuta.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**